# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**
**vs**
**Ryan Cachia**

**Drogi Numru 21/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ryan Cachia, ta' 31 sena, bin Joseph u Maria Rosaria xebba Farrugia, imwieled l-Pieta fil-5 ta' Ottubru 1988, residenti f'106 Marjoe Triq San Frangisk Saverju Birzebbugia, u detentur tal-karta ta'l-identita b'numru 469688M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Jannra 2020 u fix-xhur ta' qabel:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni li jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma' kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma' kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi

perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma' kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma' kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussessegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza datata 31 ta' Ottubru 2019 mghotija mill-Magistrat Dr V Axiaq fejn gie liberat ai termini ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlett snin, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel.

d. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghal *trafficking by sharing.*

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Sxemghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u u l-fedina penali tieghu; u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li dan huwa kaz ta' *trafficking by sharing* u li ghalhekk ghandu japplika l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 talLigijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fil-waqt li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mil-vizzju tad-droga,** taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reat imsemmi fit-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti wissiet lill-imputat ukoll illi id-disposizzjonijiet tal-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw fil-konfront tieghu ghal darba wahda biss.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**